MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2005

Rikors Numru. 678/2004

**Francis u Helen konjugi Borg**

*Versus*

***Alberto Auguglliaro***

Il-qorti,

Rat ir-rikors u t-twegiba, rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni u semghet it-trattazzjoni.

Jekk il-hrug tal-mandat huwiex gustifikat jew le jiddependi fuq jekk l-art li fuqha huwa mibni l-hajt hijiex komuni jew tar-rikorrent wahdu. Billi din hija kwistjoni li trid tigi determinata fil-kawza wara ezami tal-provi u mhux fuq bazi prima facie kif jista' jsir f'dawn il-proceduri tallum il-qorti hija tal-fehma illi f'dan l-istadju m'ghandhiex iccahhad lill-intimati mill-kawtela tal-mandat.

Ghalhekk billi t-talba maghmula fir-rikors tallum hija wahda li tehtieg ezami mhux biss fuq bazi prima facie l-qorti tichadha. L-ispejjez ikunu regolati skond l-ezitu tal-kawza fuq il-mertu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------